MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 331/2011

**Joseph Pace magħruf bħala Pace Ross, Victoria mart l-istess Joseph Pace magħruf bħala Pace Ross, Louise La Rosa, George Pace magħruf bħala Pace Ross, Adrian Pace magħruf bħala Pace Ross, Julian Pace magħruf bħala Pace Ross, Paul Pace magħruf bħala Pace Ross, Stephen La Rosa u l-imsemmija Louise La Rosa bħala tuturi għan-nom u in rappreżentanza ta' binhom minuri Daniel La Rosa u l-imsemmi Adrian Pace magħruf bħala Pace Ross, u Claudia Micallef bħala tuturi għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri binthom Deborah Pace magħrufa bħala Pace Ross**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-4 ta' April 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi l-attur Joseph Pace magħruf bħala Pace Ross (ID 298238M) jiġi iben Manuel Pace u martu Giovanna nee' Ross iżda minn dejjem kien magħruf bil-kunjom Pace Ross u għalhekk qiegħed jitlobli ssir annotazzjoni f'dan is-sens fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu numru 2982 tas-sena 1938 (Dok A).

Illi r-rikorrenti Joseph Pace *sive* Pace Ross u martu Victoria xebba Formosa żżewġu fis-6 ta' Ottubru 1963 u ż-żwieġ ġie reġistrat biċ-ċertifikat numru 1441/1963 u fl-istess ċertifikat il-kunjom ta' Joseph Pace *sive* Pace Ross huwa ndikat biss bħala Pace u għalhekk hemm bżonn li ssir korrezzjoni fil-kolonna intestata **"Isem u kunjom ir-raġel miżżewweġ"** biex minflok Pace jidħol il-kunjom Pace magħruf bħala Pace Ross jew alternattivament li ssir annotazzjoni relattiva fl-istess ċertifikat taż-żwieġ (Dok B).

Illi minn dan iż-żwieġ ir-rikorrenti Joseph Pace Ross u martu Victoria kellhom ħamest itfal, ċjoe' Paul li twieled fis-26 ta' Ottubru 1978 (ċertifikat numru 5884/1978), Louise li twieldet fl-4 ta' Awissu 1964 (ċertifikat numru 3978/1964), George li twieled fis-6 ta' Ottubru 1965 (ċertifikat numru  4712/1965), Adrian li twieled fis-17 ta' Settembru 1966 (ċertifikat numru  3951/1966) u Julian li twieled fis-7 ta' Diċembru 1976 (ċertifikat numru 302/1977) u għalhekk tinħtieġ korrezzjoni f'dawn il-ħames ċertifikati tat-twelid fil-kolonna intestata **"Isem u kunjom il-missier it-tarbija u Isem u Kunjom l-omm"** u dan billi l-kunjom Pace jiġi sostitwit bil-kunjom Pace Ross, jew alternattivament bil-kliem Pace magħruf bħala Pace Ross, jew alternattivament li ssir annotazzjoni opportun fiċ-ċertifikati relattivi (Dok C, D, E, F u G).

Illi l-imsemmi Adrian magħruf ukoll bħala Adrian Pace Ross għandu tifla li jisimha Deborah li twieldet fis-27 ta' Settembru 1995 (ċertifikat numru 4130/1995) u għalhekk tinħtieġ korrezzjoni f'dan iċ-ċertifikat tat-twelid fil-kolonna intestata **"Isem u kunjom il-missier it-tarbija u Isem u Kunjom l-omm"** u dan billi l-kunjom Pace jiġi sostitwit bil-

kunjom Pace Ross, jew alternattivament bil-kliem Pace magħruf bħala Pace Ross, jew alternattivament li ssir annotazzjoni fiċ-ċertifikat relattiv, u *inoltre* fil-kolonna intestata **"Isem u Kunjom il-missier (grandfather)"**, minflok il-kunjom Pace jiġi sostitwit bil-kunjom Pace Ross, jew alternattivament bil-kliem Pace magħruf bħala Pace Ross, jew alternattivament li ssir annotazzjoni opportun fiċ-ċertifikat relattiv (Dok H).

Illi r-rikorrenti Louise Pace magħrufa bħala Pace Ross iżżewġet mar-rikorrenti Stephen La Rosa fil-11 ta' Marzu 1989 (ċertifikat taż-żwieġ numru 242/1989) u tinħtieġ korrezzjoni fil-kolonna intestata **"Isem u Kunjom il-mara miżżewġa"** u fil-kolonna relattiva għall-**"Isem u kunjom il-ġenituri tal-miżżewġin"** biex il-kunjom Pace jiġi sostwit bil-kunjom Pace Ross jew alternattivament bil-kliem Pace magħruf bħala Pace Ross jew alternattivament li ssir annotazzjoni opportun fiċ-ċertifikat relattiv (Dok I).

Illi r-rikorrenti Stephen u Louise konjuġi La Rosa huma l-ġenituri legali ta' Daniel La Rosa li twieled fis-7 ta' Settembru 1993 ir-Rumanija (Reg 1132) u t-twelid tiegħu ġie reġistrat biċ-ċertifikat tat-twelid numru 5701 tal-1993 u tinħtieġ korrezzjoni fl-istess ċertifikat relattiv għall-kunjom tal-omm u ta' missier l-omm biex il-kunjom Pace jiġi sostitwit bil-kunjom Pace Ross, jew alternattivament bil-kliem Pace magħruf bħala Pace Ross, jew alternattivament li ssir annotazzjoni opportun fiċ-ċertifikat relattiv (Dok J).

Ir-rikorrenti kollha sa minn tfulithom dejjem użaw il-kunjom Pace Ross kif jirriżulta mid-dokumenti hawn mehmuża u kif jiġi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel is-segwenti korrezzjonijiet u / jew annotazzjonijiet, u ċjoe':

1. Tiddikjara illi Joseph Pace, Paul Pace, Louise Pace, George Pace, Adrian Pace, Julian Pace, Deborah Pace u Louise La Rosa nee' Pace kienu konsistentement imsejħin u magħrufin bil-kunjom Pace Ross u mhux bil-

kunjom ta' Pace kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili rispettivi tagħhom;

2. Illi fiċ-ċertikat ta' twelid ta' Joseph Pace magħruf bħala Pace Ross (PR 2982/1938) issir annotazzjoni fis-sens illi t-tarbija hija magħrufa bil-kunjom Pace Ross;

3. Illi fiċ-ċertifikat taż-żwieġ bejn Joseph Pace *sive* Pace Ross u Victoria xebba Formosa (PR 1441/1963) ssir korrezzjoni fil-kolonna intestata **"Isem u Kunjom ir-raġel miżżewweġ"** biex minflok Pace jidħol il-kunjom Pace magħruf bħala Pace Ross jew alternattivament, li ssir annotazzjoni relattiva fl-istess ċertifikat taż-żwieġ;

4. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-aħwa Pace *sive* Pace Ross li jisimhom Paul (PR 5884/1978), Louise (PR 3978/1964), George (PR 4712/1965), Adrian (PR 3951/1966), u Julian (PR 302/1977) issir korrezzjoni fil-kolonna intestata **"Isem u Kunjom il-missier it-tarbija u Isem u Kunjom l-omm"**, u dan billi l-kunjom Pace jiġi sostitwit bil-kunjom Pace Ross, jew alternattivament bil-kliem Pace magħruf bħala Pace Ross, jew alternattivament li ssir annotazzjoni opportuna fiċ-ċertifikati relattivi;

5. Illi fiċ-ċertifikat ta' Deborah Pace *sive* Pace Ross (PR 4130/1995) issir korrezzjoni fil-kolonna intestata **"Isem u Kunjom il-missier it-tarbija u Isem u Kunjom l-omm"** u dan billi l-kunjom Pace jiġi sostitwit bil-kunjom Pace Ross, jew alternattivament bil-kliem Pace magħruf bħala Pace Ross, jew alternattivament, li ssir annotazzjoni fiċ-ċertifikat relattiv u *inoltre* fil-kolonna intestata **"Isem u Kunjom il-missier (grandfather)"**, minflok il-kunjom Pace jiġi sostitwit bil-kunjom Pace Ross, jew alternattivament bil-kliem Pace magħruf bħala Pace Ross, jew alternattivament li ssir annotazzjoni fiċ-ċertifikat relattiv;

6. Illi fiċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' Louise Pace magħrufa bħala Pace Ross iżżewġet mar-rikorrenti

Stephen La Rosa (PR 242/1989) issir korrezzjoni fil-kolonna intestata **"Isem u Kunjom il-mara miżżewġa"** u fil-kolonna relattiva għall-**"Isem u Kunjom il-ġenituri tal-miżżewġin"** biex il-kunjom Pace jiġi sostitwit bil-kunjom Pace Ross, jew alternattivament bil-kliem Pace magħruf bħala Pace Ross, jew alternattivament li ssir annotazzjoni fiċ-ċertifikat relattiv;

7. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Daniel La Rosa li twieled fis-7 ta' Settembru 1993 ir-Rumanija (Reg. 1132) u t-twelid tiegħu ġie reġistat biċ-ċertifikat tat-twelid numru 5701 tal-1993 issir korrezzjoni relattiv għall-kunjom tal-omm u ta' missier l-omm biex il-kunjom Pace jiġi sostitwit bil-kunjom Pace Ross, jew alternattivament bil-kliem Pace magħruf bħala Pace Ross, jew alternattivament li ssir annotazzjoni fiċ-ċertifikat relattiv.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ppreżentata fit-13 ta' April 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smiegħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi bla preġudizzju għal fuq imsemmi, preliminarjament ukoll jiġi rilevat li l-ewwel talba rigwardanti l-atti tat-twelid oriġinali tar-rikorrenti Joseph Pace *sive* Pace Ross li jġib in-numru progressiv 2982/1938 (Dok DRP 1) hija insostenibbli *stante* li l-imsemmi Att tat-Twelid ma jipprovdi l-ebda colonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi nserit il-kunjom tat-tarbija;

3. Illi mingħajr ħsara għas-suespost, l-esponent umilment jirrileva li ġjaladarba ma kien sar l-ebda żball jew

ommissjoni da parti mill-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku jsegwi li l-ebda korrezzjoni ma tista' tiġi effetwata lill-atti tal-istat ċivili msemmijin fir-rikors ġuramentat ippreżentat mir-rikorrenti skont id-dettanmi tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk għal kull *buon fini*, fl-umli fehma tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tqis dawk it-talbiet sa fejn dawn jirrigwardjaw annotazzjonijiet fiċ-ċertifikati rispettivi, u ċjoe' fl-Atti tat-Twelid numru 3978/1964 (Dok DRP 2), 4712/1965 (Dok DRP 3), 3951/1966 (Dok DRP 4), 302/1977 (Dok DRP 5), 5884/1978 (Dok DRP 6), 4130/1995 (Dok DRP 7) kif ukoll l-atti taż-żwieġ numri 1441/1963 (Dok DRP 8) u 242/1989 (Dok DRP 9).

4. Illi għaldaqstant huwa essenzjali li t-talbiet tar-rikorrenti kif imniżżla fir-rikors ġuramentat tagħhom jiġu preċeduti minn talba oħra separata li permezz tagħha jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li Joseph Pace, Paul Pace, Louise Pace, George Pace, Adrian Pace, Julian Pace, Deborah Pace u Louise La Rosa nee' Pace kienu konsistentement imsejħin u magħrufin bil-kunjom '**Pace Ross**' u mhux bil-kunjom ta' '**Pace**' kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili rispettivi tagħhom;

5. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit tal-atturi;

Rat id-digriet mogħti fit-2 ta' Mejju 2011 li permezz tiegħu ġiet awtoriżżata żieda fir-rikors promutur;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2011 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi jirriżulta li l-atturi dejjem kienu magħrufa bil-kunjom Pace Ross u għalhekk it-talba li huma dejjem kienu hekk magħrufin hija ġustifikata. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak li ġara u m'għandux ibati spejjeż. Il-konvenut għandu wkoll raġun fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni għaliex imkien fiċ-ċertifikat tat-twelid ma jkun hemm indikat kunjom it-tarbija iżda kunjom il-missier tat-tarbija. Minħabba f'hekk ukoll it-talba tista' tintlaqa' biss għall-annotazzjoni u mhux għat-tibil tal-isem *ut sic*.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-ewwel talba, iżda filwaqt li tiċħad it-talba għas-sostituzzjoni tal-kunjom tilqa' t-talbiet attriċi l-oħra kif korretti fis-sens li l-atturi huma magħrufin bil-kunjom Pace Ross.**

**Fuq talba attriċi t-terminu tal-appell qed jiġi akkorċjat għal erbat ijiem.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------